

# Il-Fratellanza tad-Duttrina Nisranija fl-Isla

*Mario Fenech*

L-ewwel ħjiel ta' xi forma ta' Fratellanza tad-Duttrina fl-Isla nsibuh fi żmien meta s-Saċerdot ħabrieki u żelanti Dun Salv Bonnici kien ħa ħsieb li jkompli l-ħidma tiegħu fuq dak li kien beda snin qabel Dun Mark Anton Ciappara bit-tagħlim tad-Duttrina Nisranija lit-tfal tal-Parroċċa.

Nafu li fis-sena 1762 Dun Salv kien diġà qed joraginzza b'mod aħjar it-tagħlim tad-Duttrina waqt il-jiem tar-Randan Mqaddes fejn it-tagħlim kien isir filgħaxija qabel it-talba tal-Għasar.

Kien isir tagħlim ieħor matul is-sena fil-Ħdud u l-festi kmandati. Is-Subien kienu jiġbruhom f'xi waħda mill-kappelli tal-Knisja filwaqt li lill-bniet kienu jiġbruhom fl-oratorju tas-SSmu Kurċifiss. Jidher li kien ikun hemm attendenza tajba għal dawn il-lezzjonijiet għaliex wara xi żmien it-tagħlim tad-Duttrina beda jsir matul is-sena kollha.

Fis-sena 1769 dan it-Tagħlim tad-Duttrina kien beda jsir ukoll fil-knisja filjali ta' San Ġiljan. F'din l-istess sena kien miet l-Isqof tad-Djoċesi Mons. Rull u sakemm laħaq l-Isqof ta' warajh, il-Vigarju ta' dak iż-



*L-istatwa tal-Madonna tad-Duttrina tal-parroċċa tal-Isla*

żmien il-Kanonku Dun Pietru Franġisk Grixti fis-sena 1770 kien ħareġ digriet li permezz tiegħu l-Veneranda Opra tad-Duttrina saret struttura magħrufa wkoll fid-Djoċesi ta' Malta.

Fi żmien l-Isqof Mons. Pellerano fis-sena 1774 din il-ħidma tat-tagħlim tad-Duttrina kienet mogħtija l-istat ta' Fratellanza taħt il-ħarsien ta' San Vinċenz De Paul. Dun Salv Bonnici malajr ħa ħsieb biex tibda ssir purċissjoni b'numru ta' waqfiet fi knejjes oħrajn fejn kien isir it-tagħlim tad-Duttrina. Il-purċissjoni kienet issir f'waħda mill-jiem tal-Karnival.

Kien jeħtieġ li l-Fratellanza jkollha wkoll is-sede tagħha, għaldaqstant din sabet il-post fil-knisja ta' San Ġiljan fuq l-artal ta' San Vinċenz de Paul li kien ġuspatronat tal-istess familja ta' Dun Salv Bonnici. Kien sar kuntratt quddiem in-Nutar Ġuzeppi Luigi Bonnici nhar is-16 ta' Ġunju 1780 li fih kien hemm id-dettalji kollha biex dak kollu li jkun jeħtieġ dan l-artal tieħu ħsiebu l-familja Bonnici stess.

Kien hemm żmien meta xi wħud riedu li jbiddlu xi partijiet minn dan il-kuntratt iżda biex dan żgur ma jseħħx saret lapida li tinsab fis-sagristija tal-knisja ta' San Ġiljan li tagħti deskrizzjoni fid-dettall ta' dak li kien seħħ quddiem in-nutar Bonnici.

Semmejna żmien sabiħ fejn din il-Fratellanza tat-Tagħlim tad-Duttrina Nisranija kienet taħdem biex twassal lit-tfal ġejjin minn familji numerużi l-Kelma t'Alla filwaqt li tippreparahom għall-ħajja Nisranija.

Il-Festa t-tajba lil Kulħadd.